**Laqgħa Numru 19**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**14 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

19.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

19.1.2 Is-Sindku stieden lis-Sa Mary Haber biex tindirizza lis-sedja wara li mis-7 ta' Diċembru l-Assistent Prinċipal Mary Haber kienet ħalliet il-Kunsill biex tibda taħdem fis-Segretarjat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Filwaqt li s-Sa Haber irringrazzjat lill-membri kollha tal-Kunsill li dejjem sabet appoġġ minn għandhom, il-membri tal-Kunsill preżenti min-naħa tagħhom awgurawlha kull suċċess fil-post li kienet ħadet.

19.1.3 Is-Sindku stieden lis-Senior Clerk Bernardette Vella biex tindirizza l-kamra fejn hi talbet lill-Kunsill japprova li taħdem sena addizjonali fuq is-sena tal-irtirar mill-aħħar ta' Frar 2021 sal-aħħar ta' Frar 2022. Dan anke fid-dawl li l-Assistent Prinċipal Haber kienet għadha kif ħalliet il-Kunsill. Il-membri preżenti approvaw dan.

*16.56 Domenic Zerafa daħal fil-kamra.*

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 18 li saret nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju wara li saru xi korezzjonijiet mitluba mill-Viċu Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard.

*Is-Sindku talab biex tinbidel l-ordni tal-Aġenda biex b'hekk item 19.7 tiġi diskussa qabel item 19.3.*

**19.7.1 Proġetti : Ta' Blankas** Is-Sindku spjega li kien stieden lill-Inġinier Charles Borg biex ikun jista' jippreżenta lis-sedja x'tip ta' *cameras* l-aħjar li jsiru kemm għal Ġnien Ta' Blankas u l-pjazza. L-Inġinier spjega li jaqbel li fi Ġnien Blankas l-cameras isiru fuq il-latrina hekk kif fuq il-kamra f'nofs il-ġnien m'hemmx dawl. Fl-eventwalita' li fil-futur jitwassal is-servizz tad-dawl fil-kamra, wieħed faċilment ikun jista' jinstalla camera fuq din il-kamra ukoll. B'cameras fuq l-arblu tad-dawl fejn il-latrina wieħed ikun jista' jaqbad lil min dieħel u ħiereġ mill-masġar anke jekk is-siġar jafu jtellfu xi ftit. Camera oħra tkun tagħti biex turi minn tiela' u nieżel mit-Triq Tal-Loġġa waqt li oħra għall-passaġġ. Il-Kunsillier Johnny Vella ssuġġerriexxa li s-sistema tal-*cameras* tkuns bl-SD Card biex jekk jinsteraq l-apparat ikun aktar faċli li taqbad lil min seraq. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandhom isiur erba' *cameras.* Fuq nota differenti, il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat kif għadhom ma sarux il-bollards li kien hemm qbil min-naħa tal-Kunsill li jsiru u b'hekk vetturi kbar ma jkunux jistgħu jidħlu fil-passaġġ li hemm mal-masġar.

**CCTVs fil-Pjazza** L-Inġinier Charles Borg spjega li fil-pjazza wieħed irid joqgħod ferm attent fejn jinstalla l-cameras minħabba residenzi privati u wieħed irid joqgħod attent biex ma tinkisirx id-*Data Protection Act.* Anke peress li l-*wiring* se jkun qed jitneħħa u jinżel taħt l-art wieħed. Il-Viċu Sindku spjega li l-*cameras* jistgħu jsiru kollha fuq il-latrina. L-Inġinier Borg spjega li biex tiġbed il-pjazza kollha trid seba' *cameras*. L-Inġinier kompla jispjega li jekk se jsiru l-*cameras* kollha fuq il-latrina il-wiring se jkun minimu. Is-Sindku rrimarka li xorta jaħseb li seba' *cameras* fuq il-latrina se

jkerrhu l-pjazza. Kien hawn li l-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li l-Inġinier jiċċekja jekk hux possibli li tiġi nstallata *camera* waħda li tkun tagħti 360 degrees. L-Inġinier kellu jiċċekja u jinforma lura lill-Kunsill fuq din il-possibilta'.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.3.1 **Triq Santa Eliżabetta** Is-Sindku stieden lis-sedja għall-*press conference* li kienet ser tingħata li kienet ser isir nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 fl-10.00am fil-preżenza tal-Ministru t'Għawdex. Is-Sindku ssuġġeriexxa li hekk kif se tkun qed tinfetaħ it-triq mill-ġdid għandu jsir *traffic management* fuq suġġeriment ta' TM li jkun jindkludi l-parking basis, tabelli, bollards, sleep hump. Il-membri tal-Kunsill qablu li dan kellu jsir.

19.3.2 **Bankini tal-Ħamrija** Is-Sindku ppreżenta l-pjanti li kienu mgħoddija lilu mill-Ministeru t'Għawdex għall-bankini ġodda fi Triq Il-Ħamrija. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew waqt li rrimarkaw li jkun sew li jsir xi tip ta' *barrier* anke bil-*hedging* tal-ħaxix stess biex jservi ta' aktar sigurta' għal minn ikun fuq il-bankijiet ħdejn l-istatwa ta' San Ġwann. Il-Kunsill iddiskutta li jkun aħjar jekk il-bankini fejn jidhru l-flower beds jitneħħew u jitħawlu siġar ftit kbar taż-żebbuġ jew xi tip ta' siġar simili. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li l-bankijiet fis-*central strip* jiġu eliminati għax il-Kunsill irrimarka li ma jagħmilx sens li fi triq daqshekk traffikuża jkun hemm il-bankijiet fis-*central strip*. Kien hawnhekk li s-Sindku nforma lis-sedja li kienet saret talba lill-Ministeru t'Għawdex għall-zebra crossing fejn il-Fructica u fejn ir-razzett tax-Xiber.

19.3.3 **Tabelli ġodda fi Triq Il-Mitħna** Is-Sindku spjega li t-tabelli li hemm fil-bidu ta' Triq Il-Mitħna mhumiex qed ikunu effettivi anke peress li fihom ħafna kliem fuqhom. Is-Sindku spjega li kien ra tabelli b'ħafna inqas kliem f'lokalita' oħra li jaħseb li jafu jkunu aktar effettivi. It-tabelli kien deċiż li jinbidlu billi nibagħtu għall-gwida lill Transport Malta. Il-Kunsill iddiskutta li barra bdil fit-tabelli hemm ukoll bżonn ta' nfurzar mill-pulizijia, uffiċjali ta' Transport Malta u LESA biex vetturi kbar jieqfu milli jgħaddu mill-pjazza.

**19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

19.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif inhi daqshekk mudlama l-pjazza speċjalment quddiem iz-zuntier anke bl-armar tal-Milied. Il-Kunsill iddiskutta li d-dawl hu dak li ġie propost fil-proġett tar-Riġenerazzjoni tal-Pjazza. Is-Sindku rrimarka li fil-futur qarib kellu jitniżżel il-wiring kollu tad-dawl taħt l-art . Dan kien parti mill-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza.

19.4.2 Il-Kunsillier Jeanelle Attard rrimarkat li kienet tkun ħaġa tajba li kieku l-armar tal-Milied intrema mill-Għaqda tal-Armar stess. Il-Kunsillliera enfassisat li l-Kunsill għandu dejjem fejn jista' jqabbad nies mix-Xewkija biex jagħtu servizz. Preċedenza għandha tingħata lill-għaqdiet jekk servizz partikolari jkun jista' jingħata minn għaqda volontarja. Il-Kunsilliera Attard elenkat li għall-għaqdiet dan hu l-uniku introjtu tagħhom. Il-Kunsill iddiskutta u s-Sindku ssuġġerriexxa li jsir pjan mill-bidu tas-sena biex wieħed jara x'attivitajiet u anke tiżjin se jkun hemm bżonn matul is-sena u b'hekk

il-Kunsill ikun jista' jippjana ħafna aħjar u anke l-għaqdiet fir-raħal ikollhom ċans jippjanaw minn qabel biex jagħtu servizz lill-Kusill..

19.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa rigward il-każ fuq Triq Tal-Ħorob. Is-Sindku wieġeb li smiegħ kellu jiġi deferit peress li l-Perit imqabbad mill-qorti kien relatat mal-avukat tas-Sur Paul Portelli li kien fetaħ il-kawża kontra l-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li fl-imgħoddi kien hemm kanal fir-raba' minn Tal-Ħorob sa Ta' Xħajma li fih kien jgħaddi l-ilma mingħajr ma jagħmel ħsara fir-raba'. Il-Viċi Sindku saħaq li jkun għaqli li jsiru reservoirs żgħar waqt li s-Sindku spjega li xorta l-problema tal-ilma mhux ser tissolva billi jsiru dawn it-toqob hekk kif il-problema t'ilma hi rriżultat tal-bini li tela' f'Tal-Barmil u b'konsegwenza qed jaqa' fir-raba' Tal-Ħorob. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li jsir culvert fir-raba' kif kien hemm oriġinarjament.

19.4.4 Il-Kunslliera Jeanelle Attard talbet li nitolbu lil Transport Malta biex naraw jekk hux possibli li ddur il-bus shelter fejn ir-razzett tax-Xiber peress li minn qed ikun jistenna qed jispiċċa jixxarrab mill-karozzi. Is-segretarju ħadet nota ta' din.

19.4.5 Il-Kunsill Domenic Zerafa għadda d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv ta'resident fi Triq Madonna tal-Ħniena peress li kellu problema bl-ilma jidħollu ġew.

19.4.6 Il-Kunsillier Jeanelle Attard semmiet li residenta kienet issuġġerriet li l-iskart organiku u tal-borża s-sewda għandu jinħareġ fil-kontenituri li kienu ngħataw mill-Wasteserv u b'hekk nevitaw li jitqattgħu mill-qtates u l-klieb. Is-Segretarju elenkat li l-istess residenta kienet ilmentat mal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta li taf tinħoloq problema bil-kontenituri u jinħoloq periklu għas-sewwieqa.

19.4.7 Il-Viċi Sindku semma diskussjonijiet preċedenti li saru fil-laqgħat tal-Kunsill rigward il-possibilita' li Triq L-Indipendenza ssir one-way. Is-Sindku spjega li l-proġett tal-Islow Street li fuqu kellu diġa' laqgħa mal-Perit inkarigat se jkun jinkludu ukoll studju fuq din it-triq partikolari.

19.4.8 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li l-ħaxix maqtugħ fl-inħawi Tal-Barmil u Tal-Gruwa kien baqa' ma nġabarx. Is-Segretaru ħadet nota biex tinforma lill-kuntrattur minnufih.

19.4.9 Il-Kunsillier Jeanelle Attard ġidbet l-attenzjoni li -Kunsill għandu jkollu d-dettalji tar-rotot kollha tal-Arriva li jgħaddu mir-raħal.

19.4.10 Il-Kunsilliera Jeanella Attard staqsiet jekk kienx vijabli li jibqa' jiġi offrut is-servizz tal-van tal-iskola jekk ftit tfal kienu qed jagħmlu użu mis-servizz. Il-Kunsilliera Attard staqsiet kemm kienu l-istudenti li qed jagħmlu użu minn dan is-servizz. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja.

## 19.5 Il-Milied

19.5.1 Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li kellu jingħata rigal żgħir lil dawk l-anzjani morda d-dar bħas-snin preċedenti. Ir-rigal kellu jinġabar mill-qraba mill-Kunsill stess u mhux bħas-snin l-imgħoddija billi jitwassal fid-djar tal-anzjani.

19.5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li kienet waslet talba mis-Sa Debrincat biex isir attivita' marbuta mal-Milied għat-tfal fir-raħal. Il-membri ddiskuttew waqt li ħadu anke inkonsiderazzjoni l-pandemija li qed ngħixu fiha u kien hemm qbil li l-Kunsill kellu l-ewwel jara mal-Kumitat taż-Żgħażagħ jekk dawn humiex interessati li jieħdu ħsieb li jorganizzaw li jitqassmu r-rigali minn Father Christmas u jekk le imbagħad l-Kunsill kellu jiċċekja mas-Sa Debrincat.

19.5.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li l-avviż għall-ikla solidali ma wasalx f'kull residenza. Il-Kunsilliera Attard għaddiet lista ta' persuni li fl-opinjoni tagħha kien jixirqilhom jkun imniżżla biex is-Segretarju tkun tista' tiċċekja u tara jekk humiex miktuba u jekk le.

## 19.6 Playingfield Ta' Ġokk

19.6.1 Din l-*item* fuq l-Aġenda ma ġietx diskussa peress li aktar kmieni fil-laqgħa kien hemm qbil li l-kuntratt tal-Perit għandu joħroġ mill-ġdid u imbagħad ġaladarba jkollna tender tal-Perit ġdid il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-materja.

## 19.8 Rapport ta' kull kwart- Lulju-Settembru 2020

19.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie ppreżentat ir-rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Lulju sa Settembru 2020. Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Il-Viċi Sindku talab biex wara li jiġu mħejjija r-rapporti finanzjarji għas-sena 2020, l-*accountant* tal-Kunsill ikun preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun jista' jispjega aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

## 19.9 Korrispondenza u Ilmenti

19.9.1 13/11/2020 Korrispondenza dwar attivita li ser issir minn Kumpanija din l-attivita jisimha Science in the city, din ser tkun serata digitali u qed jintalab biex ngħaddu l-posters taghhom lill-Għaqdiet tar-raħal.

19.9.2 13/11/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv lill-Kap tal-iskola Primarja tax-Xewkija fejn infurmatha li l-Kunsill waqt laqgħa li saret fit-12 ta' Novembru, 2020 ddiskuta dan is-suġġett u lest li jiffinanzjah.

19.9.3 16/11/2020 Planning MT - Newsletter Issue no 37/20.

19.9.4 16/11/2020 Korrispondenza minghand il-Kunsilliera Jeanelle Attard indirizzata lis-Sindku dwar ix-xiri tar-rigali ghat-tfal tax-Xewkija.

19.9.5 17/11/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv fejn infurmat lis-Sindku u Kunsilliera li rċeviet korrispondenza minghand il-Ministeru ghal Ghawdex fejn intqal li ser jingħataw il-fondi għat-tiżjin tal-Milied wara li kienet ġiet sottomessa applikazzjoni.

19.9.6 17/11/2020 Korrispondenza biex napplikaw ghal progett Eramus + project in Ireland.

19.9.7 18/11/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun fejn talabna nibgħatulu lista ta' min jgħix wahdu jew vulnerabli u li jixtieq li fil-Milied jibghatulu l-ikel.

19.9.8 18/11/2020 Kwotazzjoni tal-kotba li ser jinxtraw mingħand il-Busy Malta indirizzata lis-Segretarja Ezekuttiv fejn talbet li din tgħaddi għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill l-oħra.

19.9.9 20/11/2020 Kopja tal-invit ta' Jum ix-Xewkija lill-membri tal-Kunsill.

19.9.10 20/11/2020 Korrispondenza lis-Sindku u Segretarja Ezekuttiv dwar Residential Road Programme and Innovative Projects for 2021.

19.9.11 23/11/2020 Korrispondenza dwar Webinar li ser issir on line fl-4 ta' Dicembru, 2020 dear 'EU Budget and Gozo'.

19.9.12 25/11/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Ezekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera dwar toroq li ser jigu Resurfaced. Il- Kunsilliera Jeanelle Atttard bagħtet risposta fejn qalet li Triq it-Torri Gorġun għandha tigi resurfaced kollha u anke Triq Dahla Toni Camilleri.

19.9.13 25/11/2020 Korrispondenza mingħand is-Sindku lill-membri tal-Kunsill dwar Triq Torri Gorġun fejn issuggerixxa li ssir Triq Imgarr Ix-Xini minflokha kif ukoll issuġġeriexxa li ssir Triq San Publiju ghax hemm xi partijiet minn Triq il-Kbira li mhux ser isiru bit-tarmak hekk kif għadhom f'kundizzjoni tajba.

19.9.14 25/11/2020 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ma qablitx li ma ssirx Torri Gorġun kollha pero' qablet li ssir Triq San Publiju.

19.9.15 25/11/2020 Korrispondenza lis-Supretendent minghand is-Segretarja Ezekuttiva dwar Trailers pparkjati fl-inhawi tal-MIP kif ukoll karozzi abbandonati mar-raħal.

19.9.16 25/11/2020 Risposta mingħand is-Sindku lill-Kunsilliera Jeanelle Attard rigwar Triq Torri Gorġun fejn infurmaha li fejn ma hemmx permessi tal-bini ma jistgħux isiru toroq. Is-Sindku elenkta ukoll li residenti ta' Triq Gorgun iltaqgħu mal-Ministru ta' Ghawdex biex jippruvaw igibu il-permessi.

19.9.17 1/12/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun bi stedina għall-attivitajiet soċjali fiz-zmien il-Milied fit-toroq tar-raħal b'fondi mir-Reġġjun.

19.9.18 1/12/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Ezekuttiv fejn talbet lis-Sindku u Kunsilliera jissuġġerixxu kor mir-raħal.

19.9.19 1/12/2020 Korrispondenza mingħand is-Sindku indirizzata lill-Kunsilliera fejn issuġġerixxa l-Kor ta' Amy Rapa kemm għall-istedina tar-Reġjun u fl-4 ta' Dicembru 2020 meta l-Ministru Clint Camilleri kien se jżur ix-Xewkija fis-6.00p.m biex jinxtegħlu d-dawl tal-Milied.

19.9.20 1/12/2020 Korrispondenza minghand il-KIP fuq ġbir ta' Skart fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

19.9.21 1/12/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarj Ezekuttiv fejn infurmathom li l-ġbir ta' skart kien qed jibda qabel is-7.00a.m..

19.9.22 1/12/2020 Risposta minghand il-Vici Sindku li dwar is-suggett Milied Solidali fl-affermattiv biex jiehu sehem il-kor ta' Amy.

19.9.23 02/12/2020 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera dwar Milied Solidali mingħand is-Segretarja Ezekuttiv fejn infurmathom li Amy Rapa kelmitha lura li minħabba din l-imxija u anke peress li ma sarux provi tal-kor tat-tfal, il-kor ma jistax jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

19.9.23 03/12/2020 Cirkulari 07/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja ghall-2021.

19.9.24 07/12/2020 Notifika ta' Infurzar mill-PA fuq sit f'Tas-Salvatur

19.9.25 07/12/2020 Stedina għall-konferenza tal-FSWS "Is-Servizzi Soċjali f'Għawdex...M'għandhomx jieqfu ċ-Ċirkewwa"

19.9.26 07/12/2020 CIR AKL 2020/133 Istrina 2020 bi stedina mill-Uffiċju tal-President għas-sehem fl-Istrina. Is-Segretarju bagħtet korrispondenza lill-AKL tistaqsi hux ser titella' tinda bħas-snin preċedenti Għawdex stess.

19.9.27 09/12/2020 SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess- "Smart Solutions" għall-Immaniġġjar tal-Iskart.

19.9.28 10/12/2020 Korrispondenza mis-Segretarju tar-Reġjun t'Għawdex jistaqsi biex il-Kunsill jiddentifika persuna biex tassisti fit-tqassim tal-ikla tal-Milied.

19.9.29 14/12/2020 Embellishment of Urban Squares. Fond minn Ambjent Malta biex jiżdied il-landscaping f'positijiet fejn in-nies jiltaqgħu.

19.9.30 Ilment dwar is-sitwazzjoni tat-triq Arċipriet Ġużepp Grech fejn l-aħħar parti tat-triq hi bżonn ta' manitenzjoni peress li li torba u x-xita kkawżat ħafna ħofor. Il-Kunsill idiskutta l-bżonn ta' studju min-naħa tal-avukat biex naraw li l-white roads li hawn fir-raħal hemmx kwistjonijiet legali fuqhom.

**19.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

19.10 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**19.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

19.11.1 Il-laqgħa ntemmet 7.32pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **18 ta' Jannar 2021**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ________________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |